



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.2.2018  
COM(2018) 77 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT  
EWROPEW**

**Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE għall-Ġlieda  
Kontra l-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali għas-snin 2013 sal-2017**

**Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE għall-Ġlieda  
Kontra l-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali għas-snin 2013 sal-2017**

**WERREJ**

|                                                                                                                         |    |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----|
| INTRODUZZJONI .....                                                                                                     | 2  |
| 1 - L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-leġislazzjoni l-ġdida tal-UE dwar l-infurzar doganali tad-DPI ..... | 3  |
| 1.1 Leġislazzjoni/Żvilupp ta' għodod għall-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid tal-UE.....                          | 3  |
| 1.2 L-isfruttar tal-funzjonalità sħiħa ta' COPIS .....                                                                  | 4  |
| 1.3 L-involvement tad-detenturi tad-drittijiet u tal-partijiet ikkonċernati.....                                        | 5  |
| 1.4 - Pubblikazzjoni annwali ta' statistika .....                                                                       | 5  |
| 2 - L-indirizzar ta' xejriet ewlenin fil-kummerċ ta' oġġetti li jiksru d-DPI .....                                      | 6  |
| 2.1 L-iżvilupp ta' approċċ imfassal apposta għat-traffiku ta' pakketti u postali .....                                  | 6  |
| 2.2 It-tisħiħ tal-immaniġġjar tar-riskju tad-dwana .....                                                                | 7  |
| 3 - L-indirizzar ta' kummerċ ta' oġġetti li jiksru d-DPI tul il-katina tal-provvista internazzjonali .....              | 8  |
| 3.1 It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi ewlenin ta' orijini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni .....                 | 8  |
| 3.1.1 Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.....                                                                             | 8  |
| 3.1.2 Hong-Kong, iċ-Ċina .....                                                                                          | 9  |
| 3.1.3 Kooperazzjoni internazzjonali .....                                                                               | 9  |
| 3.2 Il-bini tal-kapaċità f'pajjiżi kandidati u ġirien dwar l-infurzar tad-DPI.....                                      | 10 |
| 4 - It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-DPI u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi .....  | 11 |
| 4.1 It-twaqqif ta' sħubija mal-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-DPI .....                                              | 11 |
| 4.2 Titjib tal-fehim reċiproku u tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali, tal-pulizija u dawk ġudizzjarji.....   | 12 |
| KONKLUŻJONI .....                                                                                                       | 13 |
| RAKKOMANDAZZJONIJIET .....                                                                                              | 14 |

## INTRODUZZJONI

L-amministrazzjonijiet doganali tal-Unjoni Ewropea huma kompetenti biex jikkonfiskaw prodotti suspettati li jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (DPI) li huma protetti mill-liġijiet tal-UE u dawk nazzjonali. Id-dwana taħdem fi sħubija ma' partijiet ikkonċernati, bħal detenturi tad-drittijiet, korpi u istituzzjonijiet nazzjonali oħra responsabbli għall-infurzar u għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-Proprjetà Intellettuali u mal-Kummissjoni Ewropea.

L-ewwel Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE għall-Ġlieda Kontra l-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettuali (DPI) ġie approvat mill-Kunsill fl-2009<sup>1</sup>. L-oġġettiv kien li d-dwana titħalla ssegwi approċċ komuni dwar l-infurzar tad-DPI u tiffoka l-attenzjoni tagħha fuq l-oqsma li jippreżentaw l-akbar riskji.

Konxju dwar il-ħtieġa li l-awtoritajiet doganali jingħataw l-għodod meħtieġa biex jiġu indirizzati xejriet ġodda fil-kummerċ internazzjonali ta' oġġetti li jiksru dawk id-drittijiet, f'Diċembru 2012 il-Kunsill adotta Riżoluzzjoni dwar Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE għall-ġlieda kontra l-ksur tad-DPI għas-snin 2013 sal-2017<sup>2</sup>.

Dan it-tieni Pjan ta' Azzjoni tal-UE kien fih erba' oġġettivi strateġiċi:

- L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-leġislazzjoni l-ġdida tal-UE dwar l-infurzar doganali tad-DPI.
- L-indirizzar ta' xejriet ewlenin fil-kummerċ ta' oġġetti li jiksru d-DPI.
- L-indirizzar ta' kummerċ ta' oġġetti li jiksru d-DPI tul il-katina tal-provvista internazzjonali.
- It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-DPI, li huwa parti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Il-Pjan ta' Azzjoni stieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex twettaq reviżjonijiet annwali tal-implimentazzjoni tiegħu u biex tippreżenta rapport finali lill-Kunsill fl-2017.

Dan ir-rapport finali tħejja mis-servizzi tal-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-esperti doganali tal-Istati Membri. Isegwi l-istruttura ġenerali tal-Pjan ta' Azzjoni u jinkludi sett ta' rakkomandazzjonijiet dwar it-triq 'il quddiem.

---

<sup>1</sup> Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2009 dwar il-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE għall-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (IPR) għas-snin 2009 sal-2012 (2009/C 71/01).

<sup>2</sup> 2013/C 80/01 Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2012 dwar il-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE għall-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (IPR) għas-snin 2013 sal-2017.

## EŻITU EWLIENI

### 1 - L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE dwar l-infurzar doganali tad-DPI

#### 1.1 Leġiżlazzjoni/Żvilupp ta' għodod għall-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid tal-UE

Ir-Regolament ġdid (UE) Nru 608/2013 dwar l-infurzar doganali tad-DPI ġie adottat fit-12 ta' Ġunju 2013<sup>3</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

Ikkompletah ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1352/2013 tal-4 ta' Diċembru 2013<sup>4</sup> relatat mal-formoli tal-applikazzjoni għal azzjoni għad-detenturi tad-drittijiet.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawn il-partijiet ġodda tal-leġiżlazzjoni, il-Kummissjoni, flimkien ma' esperti mill-Istati Membri u l-UASI/EUIPO, żviluppat kors ta' taħriġ elettroniku li jindirizza t-tibdil li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar id-DPI għad-dwana. Il-kors sar disponibbli fl-2014 fuq is-sit web Europa tal-Kummissjoni (il-paġna tad-DĠ TAXUD).

Ġie adottat **pjan ta' taħriġ ikkoordinat mill-UE**. Il-Kummissjoni kkoordinat mill-qrib din l-attività mal-Osservatorju dwar il-ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali, li pprovda l-kontenut dwar il-liġijiet sostantivi dwar il-PI fil-moduli ta' taħriġ.

Bejn l-2015 u l-2017 saret kampanja ta' **żjarat ta' appoġġ fl-Istati Membri kollha**. Iż-żjarat ta' appoġġ kienu l-istrument ideali għal dialogu fil-fond mad-dipartimenti doganali li jimplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 608/2013, biex jiġu ċċarati dubji possibbli dwar infurzar prattiku, jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' esperjenzi bejn Stati Membri differenti u jingħataw il-pariri meħtieġa.

Kull żjara twettqet minn żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni (DĠ TAXUD) u żewġ esperti mill-Istati Membri li vvolontarjaw biex jieħdu sehem fl-eżerċizzju.

Qabel iż-żjara l-Istati Membri ngħataw kwestjonarju b'sett standard ta' mistoqsijiet li ntuża bħala bażi għad-diskussjoni. Il-kwestjonarju kopra l-aspetti kollha tar-Regolament Nru 608/2013, li ġew diskussi waqt iż-żjara. Wara li jkunu tlestew iż-żjarat kollha ser jiġi abbozzat rapport globali finali li ser jinqasam mal-Istati Membri.

---

<sup>3</sup> Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 (ĠU L 181, 29 ta' Ġunju 2013, p. 15).

<sup>4</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1352/2013 tal-4 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-formoli previsti fir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (ĠU L, 18 ta' Diċembru 2016, p. 10).

L-esperti doganali tal-Istati Membri dwar id-DPI enfasizzaw l-utilità tal-eżerċizzju bħala opportunità għall-esperti minn Stati Membri differenti biex jiddiskutu l-prattiki ta' implimentazzjoni.

Fuq inizzjattiva tal-awtoritajiet doganali Ġermaniżi, ġie organizzat **seminar Dwana 2020** fi Munich (Ottubru 2016) dwar l-infurzar doganali tad-DPI/Armonizzazzjoni fil-proċess tal-ġhoti u tal-ittrattar ta' Applikazzjoni għal Azzjoni (AFA). Id-DPI huwa dritt privat infurzat mill-awtoritajiet doganali, iżda l-ksur tad-DPI tiegħu huwa wkoll theddida dejjem tikber għall-ekonomija, għaċ-ċittadini u għas-sigurtà. Temi diskussi matul il-jumejn kienu l-aħjar mod kif tiġi indirizzata tali sitwazzjoni atipika għal awtorità tal-infurzar u l-mod kif l-awtoritajiet doganali jistgħu jittrattaw/jiffaċċjaw responsabbiltà f'ċerti każijiet. Is-sistema amministrattiva ta' infurzar doganali li daħlet fis-seħħ fl-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 qed tiffunzjona fuq il-bażi tat-talba li d-detenturi tad-drittijiet iridu jippreżentaw lill-awtoritajiet doganali. L-azzjoni doganali sħiħa hija riżultat ta' dawn l-AFAs. Għalhekk huwa essenzjali li l-informazzjoni fl-AFAs tkun ta' kwalità suffiċjenti sabiex l-intervent doganali jkun wieħed effiċjenti. Fil-qalba tad-dibattitu kien hemm il-ħtieġa qawwija li tiġi żgurata kwalità għolja għall-AFA mogħtija, b'mod partikolari għall-AFAs tal-Unjoni.

Fil-5 ta' Lulju 2016 ġie ppubblikat **Avviż tal-Kummissjoni** f'Il-Ġurnal Uffiċjali u sar disponibbli fuq is-sit web tat-TAXUD. Dan jissostitwixxi l-"Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-infurzar mill-awtoritajiet doganali tal-UE tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali fir-rigward ta' merkanzija, b'mod partikolari l-mediċini, fi tranżitu fl-UE" tal-2012. B'mod partikolari għandu l-għan li jipprovdi gwida u spjegazzjonijiet lill-awtoritajiet doganali dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-trademarks għal oġġetti li ma jkunux ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera (inkluż fi tranżitu), li jinsabu fil-pakkett ta' riforma dwar it-trademarks (Regolament (UE) Nru 2015/2424 dwar it-trademark tal-UE u d-Direttiva (UE) Nru 2015/2436 dwar it-trademarks nazzjonali).

Fil-15 ta' Mejju 2017 il-Kummissjoni adottat **rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 608/2013 (COM (2017) 233 final)**. Fil-konklużjoni tiegħu, ir-rapport jindika li r-Regolament Nru 608/2013 qed jiffunzjona b'mod sodisfaċenti. Huwa jipprevedi firxa wiesgħa ta' protezzjoni u proċeduri li qegħdin jintużaw b'mod korrett fit-28 Stat Membru.

## **1.2 L-isfruttar tal-funzjonalità sħiħa ta' COPIS**

**COPIS (Sistema ta' Informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-Falsifikazzjoni u l-Piraterija)**, il-bażi tad-data tal-UE għar-reġistrazzjoni ta' AFAs u t-tixrid tagħhom fost l-awtoritajiet doganali, għar-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar każijiet ta' detenzjoni u għall-provvista ta' funzjoni ta' tfittxija dwar każijiet ta' AFAs u ta' detenzjoni, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014. L-awtoritajiet doganali ilhom jadattaw b'mod progressiv għas-sistema, li ser tkompli tiġi adattata aktar biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-amministrazzjonijiet.

Qabel id-dħul fis-seħħ tas-sistema ġie organizzat **taħriġ dwar COPIS** u reġa' ġie ripetut fil-ħarifa tal-2017 għall-esperti doganali mill-Istati Membri (immirat kemm lejn ir-reġistrazzjoni ta' AFAs kif ukoll il-preżentazzjoni ta' informazzjoni dwar detenzjonijiet).

L-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-DPI u l-Kummissjoni nedew ukoll proġett ta' integrazzjoni bejn l-Enforcement Data Base (Bażi tad-Data dwar l-Infurzar - EDB)<sup>5</sup> u COPIS li jippermetti lid-detenturi tad-drittijiet jittrażmettu l-informazzjoni li tinsab fl-AFAs tagħhom b'mod elettroniku lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri kkonċernati permezz tal-EDB lejn COPIS (*ara 4.1 - It-twaqqif ta' sħubija mal-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-DPIs*).

Sal-aħħar tal-2017 għandha tibda topera konnessjoni bejn **COPIS u s-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS)** żviluppata mill-OLAF. Din ser tippermetti trażmissjoni awtomatika ta' riżultati ta' detenzjonijiet f'COPIS lejn l-AFIS (b'hekk jiġi evitat li l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membri jdaħħlu riżultati doppji dwar detenzjoni marbuta mad-DPI).

### **1.3 L-involviment tad-detenturi tad-drittijiet u tal-partijiet ikkonċernati**

Sabiex jiġi żgurat li d-detenturi tad-drittijiet u l-partijiet ikkonċernati jkunu infurmati kif xieraq dwar ir-Regolament ġdid tal-UE, f'Ġunju 2013 il-Kummissjoni organizzat laqgħa ddedikata ma' għadd ta' partijiet ikkonċernati u rappreżentanti magħżula tal-amministrazzjonijiet doganali tal-UE biex tippreżenta r-Regolament il-ġdid u tiddiskuti l-aspetti prattiċi. L-informazzjoni rilevanti tgħaddiet ukoll lill-partijiet ikkonċernati permezz tal-Osservatorju tal-UE tal-ksur tad-DPI, u waqt laqgħat ad-hoc ma' federazzjonijiet nazzjonali ta' detenturi tad-drittijiet li għalihom kienet mistiedna l-Kummissjoni.

Ġie aġġornat ukoll is-sit web Europa tal-Kummissjoni (DG TAXUD), u l-webmasters tal-helpdesks tal-SMEs, il-Portals TransAtlantiċi, l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u l-EUIPO ġew mitluba jiżguraw aċċess faċli għal din l-informazzjoni permezz tal-portals tagħhom fuq l-internet.

Il-manwal għad-detenturi tad-drittijiet ġie aġġornat u ppubblikat fuq is-sit web ta' TAXUD fil-bidu tal-2014. Ħafna awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għamlu wkoll il-formola tal-AFA u l-manwal għad-detenturi tad-drittijiet disponibbli fuq is-siti web nazzjonali tagħhom.

Twaqqfet ukoll laqgħa konġunta tal-awtoritajiet doganali fl-UE u l-partijiet ikkonċernati li tiltaqa' darba fis-sena. Din uriet li hija forum tajjeb ħafna biex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' interess komuni għad-dwana u għall-partijiet ikkonċernati.

### **1.4 - Pubblikazzjoni annwali ta' statistika**

**Ir-rapport annwali ta' statistika** dwar l-infurzar doganali tad-DPI fil-fruntieri esterni tal-UE jitħejja mill-Kummissjoni, abbażi tad-data trażmessa mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri (mill-2015 id-data bdiet tiġi estratta direttament minn COPIS).

L-istatistika ppreżentata mill-Istati Membri tiġi kondiviża kull sena mal-Osservatorju tal-UE tal-ksur tad-DPI biex tiġi inkluża fl-Għodda ta' Appoġġ għall-Intelligence Kontra l-Falsifikazzjoni (ACIST). Din l-għodda hija repożitorju ċentrali biex tinġabar statistika dwar detenzjonijiet imwettqa fil-fruntieri tal-UE u fis-Suq Intern.

---

<sup>5</sup> Enforcement Data Base (EDB): bażi tad-data żviluppata mill-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-DPI biex tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jirrikonoxxu oġġetti ffalsifikati billi tippermetti lid-detenturi tad-drittijiet jaqsmu informazzjoni dwar il-produzzjoni u l-loġistika b'mod sigur ma' daww l-awtoritajiet.

Id-data ġiet kondiviża wkoll mal-EUIPO u mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għall-istudju tal-OECD/EUIPO tal-2016 dwar “Trade in Counterfeit and Pirated Goods” (Il-Kummerċ fl-Oġġetti Ffalsifikati u Kkupjati)<sup>6</sup>.

## **2 - L-indirizzar ta' xejriet ewlenin fil-kummerċ ta' oġġetti li jiksru d-DPI**

### **2.1 L-iżvilupp ta' approċċ imfassal apposta għat-traffiku ta' pakketti u dak postali**

L-indirizzar ta' vjeġġi bħala riżultat ta' bejgħ ta' prodotti li jiksru d-DPI fuq l-internet huwa sfida ewlenija għad-dwana u kien diġà ġie identifikat bħala tali fil-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE 2009-2012. Kif previst mill-Pjan ta' Azzjoni 2013/2017, inħoloq Grupp tal-Proġett dwar l-infurzar doganali tad-DPI fuq **kunsinni żgħar**, li fil-bidu l-fokus tiegħu kien fuq l-għoti ta' appoġġ lill-amministrazzjonijiet doganali fil-kontrolli ta' pakketti żgħar, imbagħad fuq id-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura.

L-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 waqqaf proċedura ġdida applikabbli, fuq talba tad-detentur ta' deċiżjoni li tilqa' applikazzjoni għal azzjoni mid-dwana, għal oġġetti ffalsifikati u kkupjati li jkunu ntbagħtu bil-posta u b'kurrier f'kunsinni żgħar. Skont din il-proċedura, oġġetti suspettati jistgħu jinqerdu mingħajr l-involviment tad-detenturi tad-drittijiet tal-PI fejn id-dikjarant jew id-detentur tal-oġġetti jkun qabel jew kien preżunt hekk. L-oġġettiv tal-proċedura kien “sabiex il-piż u l-ispejjeż amministrattivi jitnaqqsu kemm jista' jkun possibbli”.

Il-Grupp tal-Proġett iltaqa' erba' darbiet. L-ewwel laqgħa li saret f'Novembru 2013 fi Brussell, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 608/2013, ħejjiet id-dħul fis-seħħ tal-proċedura. Wara sitt xhur fis-seħħ, il-grupp tal-proġett reġa' ltaqa' fi Vjenna (2014) sabiex isir skambju bikri tal-esperjenzi u jiġu identifikati l-benefiċċji u l-problemi ffaċċjati fl-applikazzjoni ta' kuljum tal-proċedura għal pakketti żgħar. Dan reġa' ltaqa' darbtejn fl-2017 biex jiddiskuti r-riżultati tad-detenzjonijiet magħmula skont il-proċedura għal kunsinni żgħar għas-snin 2014 u 2015 u l-aspetti speċifiċi li ġejjin tal-proċedura:

- L-involviment tad-detenturi tad-drittijiet,
- Ir-riżorsi umani ddedikati għall-immaniġġjar tal-proċedura,
- Id-definizzjoni ta' “kunsinna żgħira” fir-Regolament (UE) Nru 608/2013,
- Il-prattiki ta' notifika,
- Il-kostijiet, il-ħżin u l-qerda,
- Ir-reġistrazzjoni ta' data dwar detenzjonijiet f'COPIs.

Ir-riżultati tad-diskussjoni wrew li peress li l-użu tal-proċedura mid-detenturi tad-drittijiet għadu bħala medja relattivament baxx, jenħtieġ li jkunu previsti azzjonijiet ta'

<sup>6</sup> Trade in Counterfeit and Pirated Goods: Mapping the Economic Impact, OECD/EUIPO (2016).  
[https://euiipo.europa.eu/tunnelweb/secure/webdav/guest/document\\_library/observatory/documents/Mapping\\_the\\_Economic\\_Impact\\_study/Mapping\\_the\\_Economic\\_Impact\\_en.pdf](https://euiipo.europa.eu/tunnelweb/secure/webdav/guest/document_library/observatory/documents/Mapping_the_Economic_Impact_study/Mapping_the_Economic_Impact_en.pdf)

sensibilizzazzjoni li għandhom jiġu mmirati lejn id-detenturi tad-drittijiet infushom aktar milli lejn ir-rappreżentanti tagħhom (biex jiġi enfasizzat il-valur miżjud ta' tali proċedura għalihom).

Il-grupp ikkonkluda li għalissa hemm bżonn li l-proċedura tintuża bil-potenzjal kollu tagħha u b'mod omoġenju.

## **2.2 It-tisħiħ tal-immaniġġjar tar-riskju tad-dwana**

Fil-kuntest tat-tisħiħ tal-immaniġġjar tar-riskju tad-dwana, it-talba għall-provvista regolari ta' informazzjoni xierqa dwar ir-riskju għad-DPI u dwar il-kontroll doganali permezz tas-Sistema Komuni ta' Mmaniġġjar tar-Riskju (CRMS) wasslet sabiex l-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni dwar ir-riskji permezz ta' Formula ta' Informazzjoni dwar ir-Riskju (RIF) normali – b'referenza għal xejriet u qabdiet ġodda – 224 każ fl-2014, 228 każ fl-2015 u 358 każ fl-2016, li turi żieda ċara.

**Grupp tal-Proġett dwar Dwana 2020 ħejja rapport dwar l-analiżi tal-RIF** maħruġ u skambjat permezz tas-CRMS dwar oġġetti ffalsifikati għas-sena 2014. Huwa jirrifletti x-xejriet il-ġodda dwar oġġetti ffalsifikati estratti mill-informazzjoni li tinsab fl-RIFs rilevanti maħruġa fl-2014 dwar ir-riskji ta' falsifikazzjoni. Ir-rapport huwa disponibbli fit-taqsimha tal-aħbarijiet tas-CRMS (għal użu doganali biss).

Matul il-perjodu 2013 - 2017, il-prijoritajiet identifikati u deċiżi mill-Istati Membri għat-tmexxija tal-azzjonijiet **taż-Żona Prijorità ta' Kontroll (PCA)** iffokaw fuq is-sigaretti/tranżitu, oġġetti b'użu doppju u armi tan-nar. L-ebda waħda ma seħħet fir-rigward ta' ksur tad-DPI.

Minħabba nuqqas ta' rizersi, s'issa ma sar l-ebda żvilupp konkret tal-Kriterji Komuni tar-Riskju (CRC).

Dwar l-**Operazzjonijiet Doganali Konġunti (JCO) dwar id-DPI**, ħamsa kienu organizzati mill-Istati Membri f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni jew mill-Kummissjoni bejn l-2014 u l-2017. L-operazzjoni ERMIS fl-2014 kienet iddedikata għal pakketti li jidħlu fl-UE minn pajjiżi terzi permezz tal-posta. Din saret mill-Amministrazzjoni doganali Griega u l-OLAF u fiha ħadu sehem esperti doganali minn diversi Stati Membri u pajjiżi terzi. L-operazzjoni REPLICA, li saret ukoll fl-2014 fil-qafas tal-Laqqha Asja-Ewropa (ASEM), kellha fil-mira tagħha l-importazzjoni ta' oġġetti ffalsifikati bil-baħar. L-OLAF ikkoordina l-operazzjoni li kienet tinvolvi l-Istati Membri kollha tal-UE, in-Norveġja, l-Iżvizzera flimkien ma' msieħba internazzjonali oħra tal-ASEM, kif ukoll l-Interpol, il-Europol u l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (WCO). Fl-2016, l-Operazzjoni Wafers iffokat fuq semi-kondutturi foloz importati fl-Unjoni Ewropea miċ-Ċina u minn Hong Kong, iċ-Ċina permezz ta' Servizzi Postali/Kurrier Express. L-operazzjoni kienet ikkoordinata mill-awtoritajiet doganali Olandiżi u l-OLAF bl-involvement ta' 12-il Stat Membru u l-appoġġ tal-Europol. L-Operazzjoni RENEGADE kienet organizzata fi ħdan il-qafas tal-Laqqha Asja-Ewropa (ASEM), bħala parti mill-isforzi konġunti tagħha fil-ġlieda kontra l-oġġetti ffalsifikati. Kienet ikkoordinata mill-OLAF u kellha fil-mira tagħha b'mod partikolari l-kummerċ internazzjonali ta' parts tal-karozzi ffalsifikati b'kontejners marittimi. JCO POSTBOX fl-2017, immexxija mill-awtoritajiet

doganali tal-Belġju, Ġermaniżi u Żvediżi taħt l-azzjoni “Id-Dwana kontra l-Kriminalità fuq l-Internet” fil-qafas tal-Grupp ta’ Ħidma ta’ Kooperazzjoni Doganali, iffokat fuq il-ġlieda kontra l-frodi tas-sisa u l-kummerċ illegali ta’ oġġetti ffalsifikati, drogi u armi fi vjeġġi trasportati b’servizzi postali u ta’ kurrier espress.

### **3 - L-indirizzar ta’ kummerċ ta’ oġġetti li jiksru d-DPI tul il-katina tal-provvista internazzjonali**

#### **3.1 It-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma’ pajjiżi ewlenin ta’ oriġini, ta’ tranżitu u ta’ destinazzjoni**

##### **3.1.1 Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

Fis-16 ta’ Mejju 2014, il-Kummissjoni u l-Amministrazzjoni Ġenerali tad-Dwana Ċiniża (“il-GACC”) iffirmaw Pjan ta’ Azzjoni mġedded dwar il-Kooperazzjoni Doganali UE-Ċina dwar id-DPI (2014 – 2017) bħala wieħed mill-prijoritajiet tal-Qafas Strateġiku UE-Ċina għal Kooperazzjoni Doganali (2014 – 2017) li ffirmaw dakinhar stess. Dan għamilha possibbli li terġa’ tibda l-kooperazzjoni operattiva bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti ta’ 16-il port marittimu u ajruport fl-UE min-naħa waħda, u fuq in-naħa l-oħra l-GACC u rappreżentanti minn 11-il Dwana Ċiniża lokali.

L-appoġġ finanzjarju u loġistiku jiġi pprovdut prinċipalment permezz tal-Programm ewleni tal-UE dwar il-PI, ġestit mill-UASI/EUIPO.

Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, il-Grupp ta’ Ħidma UE-Ċina dwar l-infurzar doganali tad-DPI ltaqa’ sitt darbiet biex jiddiskuti l-Azzjonijiet Ewlenin kollha:

- Azzjoni Ewlenija 1 - Analiżi konġunta tal-istatistika dwar il-qbid biex jiġu skoperti xejriet u riskji ġenerali
- Azzjoni Ewlenija 2 - L-immirar ta’ kunsinni ta’ riskju għoli f’portijiet ewlenin
- Azzjoni Ewlenija 3 - Il-promozzjoni ta’ kooperazzjoni bejn id-dwana u aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet sabiex titwaqqaf il-produzzjoni u jingħalqu n-netwerks ta’ distribuzzjoni
- Azzjoni Ewlenija 4 - L-iżvilupp konġunt ta’ sħubiji mal-komunitajiet kummerċjali fl-UE u fiċ-Ċina
- Azzjoni Ewlenija 5 - L-iskambju ta’ għarfien u ta’ esperjenza dwar il-politiki u l-prattiki ta’ infurzar tad-DPI ta’ xulxin

Il-Pjan ta’ Azzjoni 2014-2017 introduċa era ġdida fil-kooperazzjoni doganali bejn l-UE u ċ-Ċina fl-infurzar tad-DPI. Huwa wera li huwa aktar Prattiku u bbenefika minn lezzjonijiet mitgħallma taħt l-iskema ta’ kooperazzjoni preċedenti. Ġew stabbiliti diversi soluzzjonijiet Prattiki u l-mekkaniżmi ta’ ħidma ġew imtejba b’mod konsiderevoli.

Fit-2 ta’ Ġunju 2017 l-UE u ċ-Ċina ffirmaw Qafas Strateġiku ġdid għall-Kooperazzjoni Doganali li jkopri l-perjodu 2018 - 2020. Il-Pjan ta’ Azzjoni l-ġdid dwar il-kooperazzjoni

doganali dwar id-DPI għall-2018-2020, li qed jiġi mħejji, huwa parti minn dan il-qafas Strateġiku ġdid.

### **3.1.2 Hong-Kong, iċ-Ċina**

Fis-27 ta' April 2015, il-Kummissjoni u d-Dipartiment tad-Dwana u tas-Sisa ta' **Hong Kong, iċ-Ċina** ffirmaw il-Pjan ta' Azzjoni dwar kooperazzjoni fl-infurzar doganali tad-DPI.

Huwa jiffoka fuq il-kondiviżjoni ta' statistika dwar detenzjonijiet fuq prodotti li jiksru d-DPI, ta' informazzjoni ġenerali dwar ir-riskju u ta' informazzjoni speċifika għal kull każ, u jipprevedi l-analiżi konġunta ta' tali informazzjoni biex jitjieb l-immaniġġjar tar-riskju tad-dwana. Sabiex jiġu ttestjati l-mekkaniżmi ta' ħidma tal-kooperazzjoni li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni, fl-1 ta' Ottubru 2015 beda proġett pilota ta' sitt xhur. Il-proġett pilota kkonċentra fuq it-traffiku tal-ajru, bil-parteċipazzjoni ta' ħames ajruporti fl-UE.

Il-konklużjoni ewlenija tal-proġett pilota kienet li l-Pjan ta' Azzjoni jenħtieġ li jitkompla bir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- \* l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni biex ikopri l-operaturi espress kollha tal-ajru f' Hong Kong;
- \* l-iskambju ta' informazzjoni spontanja dwar trademarks mhux azzjonabbli u oġġetti mhux azzjonabbli bħal tikketti jew materjal tal-imballaġġ;
- \* l-inklużjoni ta' aktar ajruporti fl-UE fil-Pjan ta' Azzjoni;
- \* l-inklużjoni ta' firxa usa' ta' ajruporti lokali fl-Istat Membru ta' destinazzjoni parteċipanti;
- \* il-koordinazzjoni fuq livell ċentrali tal-iskambju ta' riferimenti, speċjalment ma' diversi ajruporti;
- \* l-inklużjoni ta' informazzjoni spontanja dwar detenzjonijiet lejn u minn Stati Membri mhux parteċipanti;
- \* it-tweġġ ta' analiżi komparattiva aktar fil-fond tal-istatistika dwar detenzjonijiet fuq bażi annwali.

### **3.1.3 Kooperazzjoni internazzjonali**

Rigward it-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u s-servizzi tal-Kummissjoni fuq naħa waħda u pajjiżi terzi min-naħa l-oħra, matul is-snin l-**Assistenza Amministrattiva Reċiproka f'Materji Doganali** ġiet intensifikata b'mod sinifikanti mal-Ukrajna, ma' Hong Kong iċ-Ċina, mal-Vjetnam u mal-Istati Uniti tal-Amerka għal investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF fis-settur tad-DPI.

Fl-2016 inġenar **Uffiċjal ta' Kollegament tal-OLAF** f'Beijing, b'mod partikolari biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni relatata mal-investigazzjoni dwar sigaretti u oġġetti ffalsifikati mal-awtoritajiet taċ-Ċina u ta' Hong Kong. L-Uffiċjal ta' Kollegament tal-OLAF fi Kiev iffaċilita wkoll l-iskambju ta' informazzjoni relatata ma' diversi investigazzjonijiet fil-qasam tad-DPI mal-awtoritajiet tal-Ukrajna.

F'Settembru 2016 il-**Europol u l-OLAF** iffirmaw arranġament dwar l-assoċjazzjoni ta' esperti mill-OLAF mal-attivitajiet tal-Grupp ta' Analiżi COPY iddedikat għar-reati kollha relatati mad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, bil-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Europol u ma' awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi.

F'għadd ta' **ftehimiet kummerċjali bilaterali** ffirmati u konklużi reċentement, in-negozzjati mill-Unjoni Ewropea integraw b'suċċess kapitoli dwar il-protezzjoni u l-infurzar tal-PI permezz ta' Artikolu dwar Miżuri fil-Fruntiera li jirrifletti l-approċċ tal-UE u ser isaħħaħ l-infurzar tad-DPI f'pajjiżi terzi (pereżempju fil-Georgia, fil-Moldova u fil-Vjetnam).

Il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-infurzar doganali tad-DPI kienet ukoll waħda mill-prijoritajiet fil-kuntest tal-ASEM.

Il-Kummissjoni u l-Amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri kienu preżenti għal għadd ta' **avvenimenti internazzjonali** biex jinxtered l-għarfien dwar ir-Regolament il-ġdid tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni Doganali, kif ukoll biex jinkiseb għarfien dwar is-sitwazzjoni globali fl-infurzar tad-DPI, bħal:

- is-7 Kungress Globali dwar il-ġlieda kontra l-Falsifikazzjoni u l-Piraterija (Istanbul, 2013);
- il-Konferenza dwar il-Bini Konġunt ta' Risponsi Reżiljenti tal-UE għall-Falsifikazzjoni f'Dublin (2013);
- is-Summit Internazzjonali dwar l-Infurzar tal-PI, li sar f'Londra fl-2014 fuq inizzjattiva tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, il-Kummissjoni u l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tar-Renju Unit (ara 4.1 It-twaqqif ta' sħubija mal-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-DPIs); it-tieni edizzjoni ta' dan l-avveniment kienet organizzata b'mod konġunt mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-protezzjoni tal-konsumatur Ġermaniż u l-EUIPO f'Berlin fl-2017.

### **3.2 Il-bini tal-kapaċità f'pajjiżi kandidati u ġirien dwar l-infurzar tad-DPI**

L-Istati Membri hađu sehem f'bosta azzjonijiet immirati lejn pajjiżi kandidati u ġirien fi ħdan il-qafas tal-proġett ta' assistenza teknika tal-UE jew il-programm TAIEX (li ppermetta jew żjarat ta' studju minn esperti tal-pajjiżi kandidati u ġirien dwar l-infurzar tad-DPI lejn pajjiżi tal-UE, jew l-istazzjonament ta' esperti tal-UE f'pajjiżi kandidati u ġirien permezz ta' proġetti ta' ġemellaġġ).

Flimkien ma' esperti mill-Ġermanja u mill-Kroazja, il-Kummissjoni pparteċipat f'seminar organizzat fis-Serbja (2013) mill-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA), iddedikat għal aspetti doganali tal-ksur tad-DPI u l-kontroll fil-fruntiera.

Il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukrajna (EUBAM) – organizzat laqgħa fil-Moldova biex jiġi ppreżentat ir-Regolament (UE) Nru 608/2013 (April 2014).

Il-Kummissjoni sfruttat ukoll l-okkażjoni tas-sessjoni ta' hídma dwar id-DPI għall-pajjiżi Ewro-Mediterranji ddedikata għall-ġlieda kontra l-Piraterija u l-Falsifikazzjoni (Brussell, 2013) u tas-seminar ta' livell għoli dwar il-Kooperazzjoni Doganali fil-Fruntiera tal-Lvant tal-

UE (Litwanja, 2013) biex iżżid is-sensibilizzazzjoni fost il-pajjiżi ġirien dwar l-importanza li jkun hemm proċedura b'saħħitha fis-seħħ biex jiġi żgurat infurzar doganali effiċjenti tad-DPI fil-fruntiera.

L-effetti tal-isforzi tal-UE biex tinbena l-kapaċità f'pajjiżi ġirien dwar l-infurzar tad-DPI setgħu ġew imfixkla mid-disponibbiltà limitata ta' esperti min-naħa tal-UE. Dan jista' jkun jeħtiegħ aktar attenzjoni fil-futur.

#### **4 - It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-DPI u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi**

##### **4.1 It-twaqqif ta' sħubija mal-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-DPI**

Il-kooperazzjoni dwar l-attivitajiet relatati mad-dwana tal-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali ġiet żviluppata aktar. Minbarra li kienet assoċjata mal-attivitajiet doganali elenkati fil-programm ta' ħidma annwali tal-Osservatorju, il-Kummissjoni kienet preżenti għall-aktar laqgħat rilevanti tal-Osservatorju, bħas-sessjoni plenarja, laqgħat pubbliċi tal-partijiet ikkonċernati u l-laqgħat tal-grupp ta' ħidma dwar kwistjonijiet ta' infurzar, sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u statistika.

Il-Kummissjoni qed tattendi wkoll għall-laqgħat tal-“Grupp Tekniku” li għadu kif inġoloq, li twaqqaf fuq inizjattiva tal-Osservatorju, li l-għan tiegħu huwa li jidentifika l-bażijiet tad-data eżistenti tal-UE li għandhom rwol fl-infurzar tad-DPI, li tingħata deskrizzjoni tal-kontenut tagħhom u li jiġi identifikat l-aħjar mod ta' trażmissjoni għall-iskambju ta' informazzjoni/data bejniethom. Għalhekk il-Grupp tekniku ser jikkontribwixxi biex titwitta t-triq għall-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet.

Barra minn hekk il-Kummissjoni u xi amministrazzjonijiet doganali pparteċipaw flimkien ma' awtoritajiet tal-pulizija u dawk ġudizzjarji f'avvenimenti ad-hoc bħall-“Konferenza dwar il-Bini ta' Kapaċità u ta' Sensibilizzazzjoni dwar ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuq l-internet” tal-UASI/Europol (Novembru 2014).

L-Osservatorju jiġi mistieden regolarment sabiex jattendi għall-laqgħat tal-Grupp ta' esperti doganali dwar l-infurzar tad-DPI sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni ta' attivitajiet komuni relatati mad-dwana.

Intlaħaq ftehim sabiex l-awtoritajiet doganali jingħataw aċċess għall-Enforcement Data Base (EDB) tal-Osservatorju permezz tan-netwerk tas-CCN/CSI. L-EDB hija mibnija fuq bażijiet ta' data eżistenti dwar il-PI tal-UASI/EUIPO bħat-TM view (Trade Mark view), Designview u CESTO (Għodda ta' appoġġ komuni għall-eżaminaturi). Meta jikkonsultaw l-EDB, l-awtoritajiet doganali jistgħu jsibu informazzjoni aġġornata dwar il-validità tad-drittijiet jew ifittxu għad-detentur tad-dritt f'każ ta' detenzjonijiet ex-officio.

Matul il-proġett COPIS, saru talbiet sabiex COPIS tippermetti l-preżentazzjoni elettronika ta' AFAs. Minħabba li l-EDB fiha informazzjoni rilevanti għall-preżentazzjoni ta' AFAs, dik il-bażi ta' data tqieset bħala l-aktar sors xieraq għat-twassil tal-informazzjoni meħtieġa dwar l-AFAs f'format elettroniku. Minbarra l-kuntatti bejn il-Kummissjoni u l-Osservatorju

Ewropew tal-ksur tad-DPI, ġiet żviluppata proposta sabiex tiġi implimentata l-funzjonalità tal-“pre-AFA” fi ħdan COPIS bil-għan li tiffaċilita l-ħidma kemm tal-applikanti kif ukoll tal-awtoritajiet doganali.

Il-konnessjoni operattiva bejn COPIS u EDB ilha fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2015. Gwida għall-Utent u informazzjoni addizzjonali oħra saru disponibbli permezz tal-koordinaturi nazzjonali tan-Netzwerk Komuni ta' Kommunikazzjoni (NKK).

Fl-2016 saret l-ewwel preżentazzjoni elettronika ta' AFA permezz tal-għodda u fl-2017 diversi kumpaniji kbar bdew jużaw l-EDB għall-preżentazzjoni tal-AFAs nazzjonali u tal-Unjoni tagħhom.

Għall-applikant, din il-konnessjoni ser tnaqqas il-piż ta' preżentazzjonijiet multipli ta' informazzjoni, u għall-awtoritajiet doganali, il-ġbir ta' data minn fuq AFAs stampati.

#### **4.2 Titjib tal-fehim reċiproku u tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali, tal-pulizija u dawk ġudizzjarji**

Fl-2013, **il-Kummissjoni u xi amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri pparteċipaw f'diversi avvenimenti tal-UASI/Europol** flimkien mal-awtoritajiet tal-pulizija u dawk ġudizzjarji, bħas-seminars dwar il-bini ta' għarfien dwar pestiċidi u mediċini foloz (li jittrattaw kemm id-DPI kif ukoll is-sigurtà tal-prodott) u l-Konferenza tal-Interpol dwar l-Infurzar Internazzjonali tal-Liġi dwar il-Kriminalità tal-PI.

L-Osservatorju, l-Uffiċċju tal-PI tar-Renju Unit u l-Kummissjoni organizzaw flimkien **summit dwar l-infurzar tal-PI f'Londra f'Ġunju 2014**. Parti minn dan is-summit kienet iddedikata għal “sfidi għall-infurzar tal-PI fil-fruntiera”, b'sessjonijiet ta' ħidma ddedikati għal kunsinni żgħar bħala riżultat ta' ordnijiet fuq l-Internet u l-isfruttament tal-intelligence. Id-diskussjoni identifikat l-elementi li ġejjin:

- l-importanza kritika li tingħata informazzjoni adegwata u li din tiġi kondiviża mal-pulizija u ma' awtoritajiet oħra tal-infurzar;
- il-ħtieġa dejjem akbar ta' kooperazzjoni u ta' azzjoni internazzjonali biex jiġu indirizzati l-ktajjen ta' provvista internazzjonali tal-falsifikazzjoni.

Bħala segwitu għas-Summit, fi Frar 2016 il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-UASI/EUIPO organizzat **Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra fil-ġlieda kontra l-ksur tad-DPI**.

L-avveniment ipprova pjattaforma għal diskussjoni, dibattitu u netwerking bejn l-awtoritajiet doganali, tal-pulizija u dawk ġudizzjarji biex tittejjeb il-kooperazzjoni u l-fehim reċiproku tar-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi ta' kull awtorità tal-infurzar fil-ġlieda kontra l-ksur tad-DPI. Fil-konferenza pparteċipaw ukoll rappreżentanti mis-settur privat.

Matul l-ewwel jum, id-diskussjoni ffokat fuq l-importanza u l-benefiċċji tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, l-ostakoli u l-isfidi ffaċċjati minn kull awtorità fuq livell prattiku, il-ħtieġa ta' skambji f'waqthom ta' komunikazzjoni

mis-settur privat lill-awtoritajiet tal-infurzar, li jgħinu wkoll lill-awtoritajiet tal-infurzar jwettqu analiżi tar-riskju aktar effettiva.

Fit-tieni jum tal-avveniment, li għalih attendew ukoll awtoritajiet Ċiniżi, fil-qalba tad-dibattitu kien il-valur tat-trawwim ta' kollaborazzjoni internazzjonali bejn l-UE u l-awtoritajiet Ċiniżi kollha involuti fl-infurzar tad-DPI, bħad-Dwana, il-Pulizija u l-uffiċċju tal-Prosekutur tal-Poplu.

Ġew organizzati azzjonijiet ta' segwitu f'kooperazzjoni mal-Osservatorju Ewropew tal-ksur tad-DPI. Dawn kienu jinkludu mmappjar ta' bażijiet tad-data eżistenti dwar każijiet ta' ksur u avveniment ta' bini ta' għarfien, li sar f'Ottubru 2017 li għabar, fuq livell operazzjonali, awtoritajiet doganali, tal-pulizija u tas-sorveljanza tas-suq sabiex jiġi diskuss liema hija l-informazzjoni ewlenija fost l-infurzaturi għall-indirizzar tal-falsifikazzjoni fuq skala globali tal-UE.

## KONKLUŻJONI

B'mod ġenerali, l-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri u l-Kummissjoni wettqu sforzi sinifikanti u qed jaħdmu b'mod proattiv biex jiġu indirizzati l-isfidi assoċjati mal-infurzar doganali tad-DPI u jitrażżan l-influss ta' prodotti li jiksru d-DPI fl-UE.

Intużaw il-mezzi kollha sabiex il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha kkonċernati jsiru jafu dwar ir-Regolament (UE) Nru 608/2013 u jużawh sal-potenzjal sħiħ tiegħu. Iż-żjarat ta' appoġġ wrew li huma partikolarment utli għal esperti minn Stati Membri differenti biex jiddiskutu prattiki ta' implimentazzjoni u għall-Kummissjoni biex tikseb stampa kumplessiva tal-implimentazzjoni.

L-għadd ta' AFAs mogħtija minn amministrazzjonijiet doganali wera żieda kostanti (minn 26 865 fl-2013 għal 35 815 fl-2016).

L-azzjonijiet doganali wasslu għar-riżultati li ġejjin f'termini ta' detenzjonijiet.

| <b>DETENZJONIJIET</b>           | <b>2013</b>      | <b>2014</b>      | <b>2015</b>    | <b>2016</b>    |
|---------------------------------|------------------|------------------|----------------|----------------|
| <b>Każijiet</b>                 | 86 854           | 95 194           | 81 098         | 63 184         |
| <b>Proċeduri</b>                | Mhux disponibbli | Mhux disponibbli | 105 488        | 77 705         |
| <b>Oġġetti</b>                  | 39 917 445       | 35 940 294       | 35 568 982     | 41 387 132     |
| <b>Valur bl-imnut domestiku</b> | EUR 768 miljun   | EUR 617 miljun   | EUR 642 miljun | EUR 672 miljun |

Kull referenza għal detenzjoni hija każ li jista' jkun fih oġġett wieħed jew aktar. Kull każ jista' jkun fih oġġetti ta' kategoriji ta' prodotti differenti u minn detenturi tad-drittijiet differenti. F'COPIS, l-Istati Membri jirreġistraw kull każ b'informazzjoni skont il-kategorija ta' oġġetti u skont id-detentur tad-dritt. Għal kull kategorija ta' oġġetti u kull detentur ta' dritt, ser tinbeda proċedura ta' detenzjoni, li tispjega għaliex hemm aktar proċeduri minn każijiet.

Il-kooperazzjoni ġiet imsaħħa fi tliet direzzjonijiet:

- mal-partijiet ikkonċernati;
- mal-Osservatorju tal-UE;
- ma' pajjiżi terzi.

Ġew indirizzati wkoll l-isfidi tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar involuti fil-ġlieda kontra l-ksur tad-DPI u d-djalogu stabbilit wera l-importanza ta' sforzi f'dan ir-rigward.

It-traffikar ta' prodotti li jiksru d-DPI jibqa' madankollu fenomenu mifrux u dejjem jikber. Il-kummerċ internazzjonali ta' prodotti ffalsifikati jirrappreżenta sa 2.5 % tal-kummerċ dinji, jew madwar EUR 338 biljun, abbażi tal-aħħar data disponibbli mill-2013<sup>7</sup>. L-impatt tal-falsifikazzjoni huwa partikolarment għoli fl-Unjoni Ewropea, bil-prodotti ffalsifikati u kkupjati jammontaw sa 5 % tal-importazzjonijiet, jew madwar EUR 85 biljun.

Hemm bżonn ta' aktar żviluppi sabiex:

- jiġi żgurat infurzar omoġenju tad-DPI fil-fruntieri madwar l-Unjoni kollha;
- jiġi żviluppati għodod ta' mmaniġġjar tar-riskju tad-DPI;
- tissaħħaħ il-kooperazzjoni doganali mal-pulizija (inkluż mal-Europol) u ma' awtoritajiet oħra tal-infurzar.

Azzjonijiet ulterjuri mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri jenħtieġ li jiffokaw fuq dawn il-prijoritajiet.

## **RAKKOMANDAZZJONIJIET**

Il-ksur tad-DPI jibqa' theddida dejjem tikber u sfida diffiċli biex tiġi indirizzata. Peress li l-koordinazzjoni tal-attivitajiet doganali wriet il-valur miżjud tagħha fit-tisħiħ tar-riżultati, il-pjan ta' azzjoni doganali għall-ġlieda kontra l-ksur tad-DPI jenħtieġ li ċertament jerġa' jsir għas-snin li ġejjin.

Fid-29 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat pakkett komprensiv ta' miżuri biex ikomplu jitjiebu l-applikazzjoni u l-infurzar tad-DPI fi ħdan l-Istati Membri tal-UE, fil-fruntieri tal-UE u fuq livell internazzjonali. Il-Komunikazzjoni COM (2017)707 tad-29 ta' Novembru 2017, bit-titolu "Sistema bbilanċjata ta' infurzar tal-Proprietà Intellettuali li twieġeb għall-isfidi tas-soċjetà tal-lum", li hija parti mill-pakkett, issemmi li l-Kummissjoni ser toffri għajjuna aktar immirata lill-awtoritajiet doganali nazzjonali, abbażi tar-riżultat tal-

---

<sup>7</sup> Trade in Counterfeit and Pirated Goods: Mapping the Economic Impact, OECD/EUIPO (2016).

[https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document\\_library/observatory/documents/Mapping\\_the\\_Economic\\_Impact\\_study/Mapping\\_the\\_Economic\\_Impact\\_en.pdf](https://euiipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/observatory/documents/Mapping_the_Economic_Impact_study/Mapping_the_Economic_Impact_en.pdf).

Pjan ta' Azzjoni Doganali attwali tal-UE, u ser taħdem mal-Kunsill lejn Pjan ta' Azzjoni ġdid fl-2018.

Huwa rakkomandat li jenħtieġ li jiġu indirizzati l-elementi li ġejjin fil-pjan ta' azzjoni futur:

Dwar il-leġiżlazzjoni:

- Il-modifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1352/2013 tal-4 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-formoli previsti fir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L, 18.12.2016, p. 10) biex jiġi adattat għall-pakkett dwar it-Trademarks u għall-iżviluppi f' COPIS.

Dwar il-prestazzjoni operattiva:

- L-iżvilupp ta' mmaniġġjar tar-riskju dwar ksur tad-DPI
- Il-promozzjoni tal-użu konġunt tar-riżultati tal-analiżi tar-riskju, tal-intelligence dwar ir-riskji u l-operazzjonijiet doganali mill-Istati Membri
- L-iżgurar ta' protezzjoni adegwata ta' settijiet ta' data u ta' bażijiet ta' data, tad-drittijiet ta' partijiet terzi, tal-privatezza u tal-kunfidenzjalità u s-salvagwardji li għandhom jiġu adottati meta tinholq, tinkiseb u tiġi disseminata data
- L-identifikazzjoni ta' lakuni possibbli fl-implimentazzjoni ta' regolamenti dwar l-infurzar doganali

Dwar il-koperazzjoni kummerċjali:

- Il-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni fost id-detenturi tad-drittijiet dwar il-proċedura għal kunsinni żgħar
- It-tkomplija tal-laqgħa annwali tal-grupp konġunt tad-Dwana/partijiet ikkonċernati

Dwar il-kooperazzjoni internazzjonali:

- It-tkomplija tal-kooperazzjoni ma' msieħba ewlenin bħaċ-Ċina u Hong Kong, iċ-Ċina

Tisħiħ tal-koordinazzjoni mal-aġenziji tal-UE:

- EUIPO - L-Osservatorju tal-UE
  - It-tisħiħ tal-analiżi tat-tendenzi
  - L-allinjament tal-iżviluppi tal-IT, bħall-preżentazzjoni elettronika tal-AFA
- Europol
  - It-tisħiħ tal-kooperazzjoni doganali mal-pulizija